31997R1836

L 263/6 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 25.9.1997

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1836/97

ta' l-24 ta' Settembru 1997

li jemenda l-Annessi I u III għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għall-istabbilment ta' limiti massimi ta' residwu għal prodotti mediċinali veterinarji f'oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali

(Test b' rilevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għat-twaqqif tal-limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji f'oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 749/97 [2] u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 7 u 8 dwar dan,

Billi, b'mod konformi mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, limiti massimi ta' residwu jridu jiġu stabbiliti progressivament għal kull sustanza farmakoloġikament attiva li hi użata fil-Komunità għal prodotti mediċinali veterinarji maħsuba għat-teħid minn annimali li jipproduċu l-ikel;

Billi limiti massimi ta'residwu għandhom jiġu stabbiliti biss wara l-eżami fi ħdan il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Veterinarji ta' l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sigurtà ta' residwi tas-sustanzi kkonċernati għall-konsumatur f'oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali u l-impatt ta' residwi fuq l-ipproċessar industrijali ta' l-oġġetti ta' l-ikel.

Billi, fit-twaqqif tal-limiti massimi ta' residwu għal residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji f'oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-ispeċi ta' l-annimal li fihom residwi jistgħu jkunu preżenti, il-livelli li dawn jistgħu jkunu preżenti f'kull wieħed mit-tessuti tal-laħam rilevanti miksuba mill-annimal ittrattat (tessut bersal) u n-natura tar-residwu li hi rilevanti għall-sorveljar ta' residwi (residwu markatur);

Billi, għall-kontroll ta' residwi, kif ipprovdut f'leġislazzjoni xierqa tal-Komunità, limiti massimi ta' residwu għandhom ġeneralment jiġu stabbiliti għat-tessuti bersalji tal-fwied jew tal-kliewi; billi, madankollu, il-fwied u l-kliewi huma ta' spiss imneħħija mill-karkassi li jiġu spustati fil-kummerċ internnazzjonali, u limiti massimi ta' residwu għandhom għalhekk dejjem jiġu stabbiliti għat-tessuti ta' muskolu jew grass;

Billi, fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji maħsuba għall-użu f'għasafar li jbidu, annimali li jagħmlu l-ħalib jew żunżan li jagħmlu l-għasel, limiti massimi ta' residwu għandhom jiġu stabbiliti għall-bajd, ħalib jew għasel;

Billi *doramectin* għandu jiġi mdaħħal fl-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2377/90;

Billi, sabiex tippermetti għat-tlestiija ta' l-istudji xjentifiċi, *amitraz* u *azamethiphos* għandhom jiġu mdaħħla fl-Anness III mar- Regolament (KEE) Nru 2377/90;

Billi perijodu ta' 60 jum għandu jiġi permess qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jippermetti lill-Istati Membri biex jagħmlu kull bidla li tista' tkun meħtieġa għall-awtorizzazzjonijiet mogħtija b'mod konformi ma' Direttiva tal-Kunsill 81/851/KEE [3], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 93/40/KEE [4] biex jittieħed akkont tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament sabiex il-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati jitpoġġew fis-suq.

Billi l-miżuri li għalihom hemm ipprovdut f'dan ir-Regolament huma konformi mal-fehma tal-Kumitat Permanenti fuq Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u III għar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 huma b'dan emendati kif stabbilit fl-Anness hawnhekk.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ wara sittin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 1.
[2] ĠU L 110, tas-26.4.1997, p. 24.
[3] ĠU L 317, tas-6.11.1981, p. 1.
[4] ĠU L 214, ta' l-24.8.1993, p. 31.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-24 ta' Settembru 1997.

Għall-Kummissjoni
Martin BANGEMANN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Annessi għar- Regolament (KEE) Nru 2377/90 huma emendati kif ġej:

A. L-Anness I hu emendat kif ġej:

2. Aġenti antiparassitiċi

2.3. Aġenti li jaġixxu kontra l-endo u ekto-parassiti

2.3.1. Avermektini

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi ta' l-annimal	LMR	Tessut bersal	Disposizzjonijiet oħra
"2.3.1.4 *Doramectin*	Doramecitin	Qżieqez, ovini	20 µg/kg	Muskolu	Mhux għal użu f'ovini li jipproduċu l-ħalib għal użu mill-bniedem"
			100 µg/kg	Grass	
			50 µg/kg	Fwied	
			30 µg/kg	Kliewi	

B. L-Anness III hu emendat kif ġej:

2. Aġenti antiparassitiċi

2.2. Aġenti li jaġixxu kontra l-ektoparassiti

2.2.1. Formamidini

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi ta' l-annimal	LMR	Tessut bersal	Disposizzjonijiet oħra
"2.2.1.1 *Amitraz*	Somma ta' *amitraz* u kull metabolit li fih il-parti 2,4-*dimethylaniline*, imfissra bħala *amitraz*	Żunżan	200 µg/kg	Għasel	LMR proviżorji jiskadu fl-1.7.1999"

2.2.2. Organofosfati

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi ta' l-annimal	LMR	Tessut bersal	Disposizzjonijiet oħra
"2.2.2.1. *Azamethiphos*	Azamethiphos	Salmonidae	100 µg/kg	Muskolu u ġilda f'proporzjonijiet naturali	LMR proviżorji jiskadu fl-1.6.1999"